

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2017 – Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni(Kawża T-21/10) ⁽¹⁾**(“Rikors għal annullament — FEŻR — Tnaqqis ta' għajjnuna finanzjarja — Nuqqas ta' osservanza tat-terminu għall-adozzjoni ta' deċiżjoni — Ksur ta' rekwiżiti formali essenzjali — Rikors manifestament fondat”)**

(2017/C 392/33)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: inizjalment minn J. Möller, T. Henze u C. Blaschke, sussegwentement minn J. Möller u T. Henze, aġenti, assistiti minn C. von Donat, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B.-R. Killmann, B. Conte u A. Steiblytė, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 9049, tat-13 ta' Novembru 2009, dwar it-tnaqqis tal-għajjnuna mogħtija mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), għad-Dokument ta' programmar individwali (DOCUP) fir-reġjun Objettiv 2 tas-Saarland (1997-1999) fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, għajjnuna mogħtija permezz tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C(97) 1123, tas-7 ta' Mejju 1997.

Dispożittiv

- 1) *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 9049, tat-13 ta' Novembru 2009, dwar it-tnaqqis tal-għajjnuna mogħtija mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), għad-Dokument ta' programmar individwali (DOCUP) fir-reġjun Objettiv 2 tas-Saarland (1997-1999) fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, għajjnuna mogħtija permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(97) 1123, tas-7 ta' Mejju 1997, hija annullata.*
- 2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 100, 17.4.2010.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2017 – Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni(Kawża T-104/10) ⁽¹⁾**(“Rikors għal annullament — FEŻR — Tnaqqis ta' għajjnuna finanzjarja — Programm Resider II — Nuqqas ta' osservanza tat-terminu għall-adozzjoni ta' deċiżjoni — Ksur ta' rekwiżiti formali essenzjali — Rikors manifestament fondat”)**

(2017/C 392/34)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: J. Möller u T. Henze, aġenti, assistiti minn C. von Donat, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B.-R. Killmann, B. Conte u A. Steiblytė, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 10561, tat-18 ta' Diċembru 2009, li tnaqqas l-għajjnuna finanzjarja mogħtija mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(95) 2539, tas-27 ta' Novembru 1995, għall-programm Resider II rigward Saarland (1994-1999), fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.